MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru. 34/2006

Il-Pulizija
(Spettur Anzjan Mario Bonello)
(Spettur Josric Mifsud)

Vs

OMISSIS
OMISSIS
OMISSIS
OMISSIS
OMISSIS
OMISSIS
OMISSIS

Il-Qorti;

Rat illi l-imputati OMISSIS, OMISSIS, OMISSIS, OMISSIS, OMISSIS gew imressqa quddiemha u akkuzati talli fil-lejl ta’ bejn it-13 u 14 ta’ Gunju 2006 gewwa l-Victoria, Ghawdex ghal habta ta’ nofs il-lejl:

a) serqu madwar LM 1065.00 f’affarijiet liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur ta’ haga misruqa, bil-lok, u bil-hin ai termini tal-artikolu 261(b), (c), (e) u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta a detriment ta’ Mario Emanuel Camilleri mill-Munxar, Ghawdex.

Talli OMISSIS, OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS gew imressqa quddiemha u akkuzati talli bejn il-21 ta’ Settembru 2006 u d-9 ta’ Ottubru 2006 gewwa l-Victoria, Ghawdex:

b) serqu madwar Lm 3000.00 f’affarijiet liema serq huwa aggravate bil-mezz, valur tal-ahga misruqa, bil-lok, u bil-hin ai termini tal-artikolu 261(b), (c), (e) u (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, ghad-detrimnt ta’ Peter Paul Camilleri min-Nadur;

u fl-ahhar huma akkuzati biss OMISSIS, OMISSIS, OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS talli fil-lejl ta’ bejn it-13 u l-14 ta’ Ottubru 2006 gewwa Victoria, Ghawdex, ghal habta tas-0100:

c) serqu b’madwar Lm3384.00 f’affrarijiet eletronici liema serq huwa aggravate bil-mezz, valur tal-haga misruqa, uil-lok, u bil-hin ai termini ta’ l-artikolu 261(b)(c), (e) u (f) tal-Kap 9 tal-ligijiet a’ Malta, ghad-detriment a’ Dun Aflred Masini mir-Rabat, Ghawdex.

Il-Qroti hija ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skondil-ligi,tordna lil-imputati sabiex ihallsu l-ispejjes li ghadhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti, fosthom l-okkorrenzi tal-pulizija markati bhala dokument PS, PS1 u PS2;

Rat is-seba' stqarrijiet ta' l-imputati markati bhala dokument JM1 sa JM7 rispettivament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-19 ta' Ottubru 2006 u dana fil-prezenza ta' l-avukati defensuri taghhom;

Illi din il-Qorti osservat dak illi jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioè wara li l-imputati wiegbu li huma hatja din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar sollenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk iridu jergghu lura minnha u kien wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kas din l-ammissjoni taghhom;

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja espressa u inkondizzjonata da parti ta' l-istess imputati, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputati huma hatja ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghhom u kif ammessa minnhom stess.

Il-Qorti semghet lil Peter Paul Camilleri u Dun Alfred Masini jiddikjaraw fis-seduta tal-lum li huma hafru lill-imputati ghal dak kollu li huma ghamlu fil-konfront taghom u b'mod partikolari ghas-serqiet imsemmija fl-akkuza u talbu li jirtiraw mill-Qorti l-oggetti esebiti bhala resfurtiva proprjeta' taghhom;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li huma m'ghandhomx oggezzjoni li l-oggetti esebiti formalment il-Qorti jigu ritornati lil sidhom legittimu;

Semghet il-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputati ikkorrobaraw bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha u dan kif del resto jirrislta minn ezami ta' l-istqarrijiet esebiti fl-atti.

Ikkunsidrat ai fini tal-piena s-segwenti:

1. l-ammissjoni bikrija ta' l-imputati kif maghmula minnhom fl-ewwel opportunita' moghtija lilhom u b'hekk ma nhela ebda hin prezzjuz tal-Qorti;

2. il-ko-operazzjoni totali ta' l-imputati kemm mal-Prosekuzzjoni kif ukoll mal-vittmi;

3. il-fedini penali ta' l-imputati kif esebiti fl-atti u markati bhala Dok. CS1 sa CS7 u minn ezami ta' l-istess jirrizulta illi l-imputati ghandhom kondotta indelibbli bl-ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u b'hekk ghandhom jigu lkoll trattati bhala first time offender;

4. fil-konfront ta' l-imputati OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS, il-Qorti qieset il-fatt li huma minorenni;

5. illi r-resfurtiva fil-parti l-kbira taghha tista' tigi ritornata lil sidha legittima.

Il-Qorti;

Rat illi l-imputati m'humiex kollha akkuzati bl-istess reati u dan ghaliex fil-konfront ta' OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS hemm biss akkuza wahda, filwaqt li fil-konfront ta' l-akkuzati l-ohra dawn gew akkuzati b'tlett (3) serqiet u minhabba f'hekk u minhabba l-fatt illi uhud mill-imputati huma minorenni s-sentenza li sejra taghti din il-Qorti mhix se tkun uniformi fil-konfront taghhom kollha.

Il-Qorti rat l-artikolu tal-ligi u cioe' 261(b),(c),(e),(f) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; Tiddikjara li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kif ammessi minnha u del resto moghtija mill-istess Prosekuzzjoni u tiddeciedi billi tpoggi lill-imputati OMISSIS that is-supervisjoni ta' Probation Officer ghal perjodu ta' sentejn, lill-imputat OMISSIS taht is-supervisjoni ta' Probation Officer ghal perjodu ta' tmintax-il (18) xahar; lil OMISSIS u lil OMISSIS that supervisjoni ta' Probation Officer ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, u lil OMISSIS taht is- supervisjoni ta' Probation Officer ghal perjodu ta' sentejn mil-lum u lil OMISSIS ghal perjodu ta' sentejn mil-lum u lil OMISSIS ghal perjodu ta' tmintax-il (18) xahar mil-lum u dan ai termini ta' l-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bil-ghan li jzommu 'l boghod mill-hajja kriminali u biex ma jkunx hemm ripetizzjoni tar-reati simili fil-perjodu tas-supervizjoni taghhom u tul hajjithom kollha.

Tordna lill-imputati OMISSIS, OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS u OMISSIS jhallsu s-somma ta' elf u hamsa u sittin lira Maltij (Lm1065) lil Mario Emanuel Camilleri rapprezenanti din is-somma l-hsarat li huwa sofra, b'hekk kull wiehed minn dan l-imputati b'mod individwali ghandu jhallas is-somma ta' mitejn u tlettax il lira (Lm213) u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum;

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-Probation Services kif ukoll lill-Ufficcjal Sorveljanti nominat skond is-sub artikolu 7(8) tal-kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Probation Services sabiex jappunta kandidat ideali sabiex isegwi lill-imputati;

Il-Qorti qeghda tordna l-projbizzjoni ta'l-ismijiet tal-imputati minorenni f'din il-kawza milli jigu mxandra f'kull mezz tax-xandir

Il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni mit-talba tal-Prosekuzzjoni li tikkundanna lill-imputati jhallsu l-ispejjez inkorsi ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 u dan ghaliex minn ezami ta' l-atti processwali ma jirrizultax illi saru tali spejjez.

Il-Qorti tordna illi din is-sentenza kif ukoll l-atti tal-kawza jigu rinvjati lill-Avukati Generali fi zmien tlett (3) ijiem mil-lum u dan ai termini ta' l-artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------